

# DEĊIŻJONI TAL-KULLEĠĠ TAL-UFFIĊĊJU TAL-PROSEKUTUR PUBBLIKU EWROPEW TAT-22 TA' FRAR 2023

LI TEMENDA U TISSUPPLEMENTA D-DEĊIŻJONI TAL-KULLEĠĠ  
001/2020 TAD-29 TA' SETTEMBRU 2020 LI TISTABILIXXI R-  
REGOLI DWAR IL-KUNDIZZJONIJIET TAL-IMPJIEG TAL-  
PROSEKUTURI DELEGATI EWROPEJ, KIF EMENDATA U  
SSUPPLEMENTATA MID-DEĊIŻJONIJIET TAL-KULLEĠĠ 017/2021  
U 103/2021

Il-Kulleġġ tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE),

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("UPPE"), (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament tal-UPPE")<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 13(2), 13(3), 17 u 96 u l-premessa 116 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea ("Regolamenti tal-Persunal") u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea ("CEOS")<sup>2</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 123 tas-CEOS,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kulleġġ tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew tad-29 ta' Settembru 2020 li tistabilixxi r-regoli dwar il-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-Prosekuturi Delegati Ewropej (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "is-CEEDP"), kif emendata u ssupplementata bid-Deċiżjonijiet 017/2021 u 103/2021 tal-Kulleġġ tal-UPPE,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kulleġġ tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew tat-13 ta' Jannar 2021 dwar ir-Regoli Finanzjarji applikabbli għall-UPPE (minn hawn 'il quddiem "ir-Regoli Finanzjarji"), u b'mod partikolari l-Artikolu 78 tagħha,

Adotta d-deċiżjoni li ġejja:

<sup>1</sup> (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

<sup>2</sup> Ir-Regolament Nru 31 (KEE), 11 (KEEA), li jstabilixxi r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċċjali u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU P 045 14.6.1962, p. 1385), kif emendat sussegwentament.

## Artikolu 1

### *Emendi*

Id-Deċiżjoni 001/2020 tal-Kulleġġ tad-29 ta' Settembru 2020 li tistabbilixxi r-regoli dwar il-kundizzjonijiet tal-impjeg tal-Prosekuturi Delegati Ewropej, kif emendata u ssupplimentata mid-Deċiżjonijiet tal-Kulleġġ 017/2021 u 103/2021, hija emendata u ssupplimentata kif ġej:

L-Artikolu 14, il-paragrafu (1), l-ittra a), huwa emendat kif ġej:

“a) rimunerazzjoni bażika fix-xahar li, għal-livell 1 tal-iskala kif imsemmija fl-Artikolu 12 ta' din id-Deċiżjoni, tikkorrispondi għas-salarju bażiku fix-xahar ta' Uffiċjal fil-grupp ta' funzjoni AD, grad 9, skala 1, kif previst fit-tabella fl-Artikolu 66 tar-Regolamenti tal-Persunal. Ir-rimunerazzjoni bażika ta' kull xahar għandha tiżdied b'6 % għal kull livell li jmiss ta' dik l-iskala.”

L-Artikolu 14, il-paragrafu (1), l-ittra c), huwa emendat kif ġej:

“c) fejn applikabbli, l-ammont supplimentari msemmi fl-Artikolu 16(1), li jiġi ddeterminat għall-ewwel darba fil-ħin tal-ingaġġ, u jista' jkun soġġett għal reviżjoni wara kwalunkwe bidla sussegwenti fir-rimunerazzjoni ta' referenza nazzjonali kkunsidrata għall-fini tal-Artikolu 16(1) jew fir-rimunerazzjoni tal-UPPE kif definita fl-Artikolu 16(2) ta' din id-Deċiżjoni.”

## Artikolu 2

### *Id-dħul fis-seħħ*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-adozzjoni tagħha u d-drittijiet ta' rimunerazzjoni tal-Prosekuturi Delegati Ewropej għandhom jiġu kkalkulati mill-ġdid b'effett retroattiv mill-1 ta' Jannar 2023.

Magħmula fil-Lussemburgu fit-22 ta' Frar 2023.

**F'isem il-Kulleġġ,**

**Laura Codruța KÖVESI**

**Kap Prosekutur Ewropew**